

# Mro Carmelo Caruana

## *10 Snin mill-mewt tiegħu*



Daniel Vella

*Preżentatur Marċifest Radju Marija*

Mro Carmelo Caruana twieled Ħal Luqa fit-3 ta' Novembru 1927 bin Ġwann Battista u Giovanna née Farrugia. Huwa żżewweġ lis-Sinjura Evelina mill-Birgu fl-1954.

Kellu żewġ ulied, bintu Joane u Joseph li hu wkoll mużikant u bandist ma' diversi baned.

Minn ċkuniku kellu rabta kbira mal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija peress li missieru kien attiv fil-każin u membru fil-Kumitat. Missier is-Surmast Caruana, is-Sur Gio Batta Caruana kien għal diversi snin Direttur tal-Każin, kaxxier, kif ukoll President fi żmien l-Gwerra bejn l-1944 u 1945 u għalhekk kien jieħu lil ibnu l-każin miegħu. Mro Carmelo Caruana wkoll kien membru tal-kumitat u serva f'bosta karigi fosthom ta' Segretarju u Arkivista. Kien membru fil-kumitat bħala arkivista meta fl-1952 l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija għalqet 70 sena, u għal din l-okkażjoni ġie inawgurat l-każin preżenti tal-istess Soċjetà f'Ħal Luqa flimkien ma' strumentatura ġdida u Arkivju Mużikali ġdid.



Bla dubju l-akbar talent li kellu Mro Carmelo Caruana kienet dik fil-kamp mużikali. Kif kienet drawwa f'dawk iż-żminijiet, jiġifieri ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Membri jew Bandisti kienu jgħallmu dak li jafu lil oħrajn. Ma kienx hawn skejjel tal-mużika. Fil-każ ta' Mro Caruana kien proprju missieru Ġan Patist, li kien mużikant, li beda jgħallmu. Maestro Vincenzo Caruana Spiteri, ukoll iben l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kien iz-ziju tiegħu, ħu missieru.

Mal-Banda Sant'Andrija huwa ħareġ idoqq bil-kwartin. Kompla l-istudji tiegħu għand Mro Antonio Muscat Azzopardi u wara tgħallem l-armonija u l-vjolin taħt Mro Agostino Camilleri.

Għal żmien twil kien jifforma parti mill-Kappella tas-Surmast Lorenzo Galea tal-Birgu u tas-Surmast Camilleri, magħrufa għal ħafna servizzi reliġjużi f'diversi knejjes ta' Malta u Għawdex.

Beda l-karriera tiegħu bħala Surmast mal-Banda Sant'Andrija fejn dan idderieġa għal diversi drabi bħala 'co-director' tal-banda. L-ewwel darba li dderieġa l-Banda Sant'Andrija uffiċjalment bħala sostitut tas-Surmast A. Muscat Azzopardi kien fil-15 t'Awwissu 1949, minn dakinhar dderieġa lil Banda għal bosta drabi. Is-Surmast preżenti ta' dak iż-żmien Mro Antonio Muscat Azzopardi, kien jemmen li s-Surmast Caruana kellu talent mużikali kbir u għamel minn kollox biex jgħin lil dan it-talent joħroġ fil-beraħ. Kienet drawwa ta' Mro Antonio Muscat Azzopardi li jrawwem lil Mro Caruana billi jħallih jidderieġi l-kunċerti tal-Banda. Kont tarhom wara l-kunċert jiddiskutu l-mużika magħżula, kif ukoll id-direzzjoni.

Drawwa oħra li għenet ittejjeb it-talent tal-Mro Caruana kienet li Mro Muscat Azzopardi kien jixtri diversi partituri orkestrali biex jiġu rranġati għal Banda ta' Ħal Luqa Sant'Andrija kif ukoll għall-Banda l'Isle Adam tar-Rabat fejn Mro Muscat Azzopardi. Kien iħalli f'idejn Mro Caruana biex jirranġa l-mużika. Mro Carmelo Caruana żgur jibqa' magħruf għall-kompożizzjonijiet u arranġamenti mużikali li għamel għal baned.

Meta kont tidħol fl-istudju tiegħu fejn kien jikkomponi u jirranġa kont tħoss li dħalt f'tempju tal-mużika. Kull fejn iddawwar wiċċek tara kotba, partituri, CD's kollox marbut mal-mużika. Mro Carmelo Caruana nħatar Maestro Onorarju ta' diversi baned ma' Malta. Fost dawn insibu bla dubju lill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Banda Beland taż-Żejtun, ta' Birżebbuġa, ta' Bormla, ta' Ħal Qormi, kif ukoll ta' San Lawrenz tal-Birgu.

Għat-talenti mużikali tiegħu kiem magħżul bħala Surmast tal-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar fl-1963 u dam għal għaxar snin Surmast. Fl-1969 ma' din l-istess banda dderieġa l-Innu Kantata lill-Appostlu Sant'Andrija nhar il-Festa f'Ħal Luqa.

Kien fl-1973 meta biex ingħaqad bħala Surmast tal-King's Own kellu jħalli l-Banda ta' Ħaż-Żabbar. Fil-każin tal-Banda King's Own huwa ġa kien ilu

aktar minn għaxar snin bħala Assistent, jgħallem l-aljievi u jassisti lis-Surmast l-Maġġur Anthony Aquilina. Kien ukoll bandist ma' din il-banda fejn kien jdoqq il-klarinett Piccolo. L-ewwel darba li dderieġa l-King's Own kienet fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba fl-1973. Sena wara fl-1974 ġie ċċelebrat iċ-Ċentenarju mit-twaqqif tas-Soċjetà u Banda King's Own. Il-King's Own taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmelo Caruana esegwiet programm fit-Teatru Manoel fejn daqqet is-Sinfonija Struensee ta' Mayerbeer u Sinfonija 'Dal Nuovo Mondo' ta' Dvorak li kollha spiċċaw b'applawsi kbar. Minn dakinhar 'il quddiem kienu biss suċċessi bil-programm li ta' kull sena l-Banda Ċittadina King's Own kienet tesegwixxi madwar Malta u Għawdex, kif ukoll fil-programmi ġewwa l-Istitut Kattoliku fil-Furjana. Nistgħu ngħidu li l-maġġoranza tal-karriera mużikali tiegħu nafuha ma' din il-banda fejn dam għal 29 sena sħaħ. Fl-2002 kellu jirtira għal raġunijiet ta' saħħa, bħala apprezzament tal-ħidma li għamel ma' din il-Banda l-kumitat ħatru bħala Surmast Emeritus.

Mro Carmelo Caruana kien ukoll Surmast tal-Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid bejn l-1987 u 1993. Għal sittax-il sena mexxa wkoll il-Banda tat-Tarzna fejn kien impjegat bħala 'draughtsman'.

Mro Carmelo Caruana miet nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 2005 fl-għomor ta' 78 sena. Il-Funeral sar fil-Knisja Parrokkjali ta' Raħal Ġdid. Fil-funeral tiegħu ħadu sehem żewġ baned Maltin. Il-Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid, b'korteo ġewwa Raħal Ġdid. Kif ukoll sar Korteo ieħor ġewwa raħal twelidu, Ħal Luqa, bil-Banda Sant'Andrija.

Diversi kienu l-baned li ġew bl-istandard tagħhom, apparti l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija u l-Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid li daqqew kien hemm rappreżentanti dawn il-baned: il-King's Own Band tal-Belt Valletta, il-Banda Beland taż-Żejtun, Isle Adam tar-Rabat, Banda San Lawrenz u Prince of Wales tal-Birgu, Lilly Band u Sta Marija tal-Imqabba, Banda Sta Katerina taż-Żurrieq, San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq, Santa Marija tal-Qrendi u Nicolo Isourd tal-Mosta. Dan kollu b'turija ta' rispett kbir li kellu dan is-surmast mill-komunità bandistika Maltija.

Nota Editorjali: Mro. Carmelo Caruana kien ġie maħtur bħala Surmast Onorarju tas-Soċjetà tagħna fit-twaqqif tagħha 30 sena ilu. Mro. Caruana kien irregala xi mużika kif ukoll kien ġie rrekordjat marċ mill-pinna tiegħu fl-ewwel *recording* li kien sar mill-banda fl-1986. Il-marċ kien jismu *Our Honorary Director*. Is-Surmast Caruana kien ukoll kiteb messaġġ fl-ewwel pubblikazzjoni li ħarġet fil-festa 1986.


# CENTRAL BUTCHER

Prop. Michael Mizzi

353, ŻABBAR ROAD - FGURA, FGR 1010
TELEPHONE: 21 826362 / 21 665696

*Business Hours:*

| | |
|---|---|
| Monday, Wednesday | 07.30 - 12.00 |
| | 04.00 - 07.00 |
| Tuesday, Thursday | 07.30 - 12.00 |
| Friday | 07.30 - 12.00 |
| | 04.00 - 07.00 |
| Saturday | 07.00 - 12.00 |



*Free delivery service*

**ALL FRESH & FROZEN MEATS**